# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Gunju 2002

## Avviz numru : 63/2002GT(GM)

**Borg Cold Stores**

**vs**

**Joseph Mark Mercieca f'ismu personali kif ukoll ezercitanti l-kummerc taht l-isem 'Il Terrazzo Restaurant'**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"L-ammont mitlub ta' elf u dsatax-il Lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm 1,019.47) jirrapprezenta l-prezz ta' prodotti ta' l-ikel u merkanzija ohra mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut, liema hlas baqa' ma sarx.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Legali datata 2 ta' April 2002, u tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 83/02Gipprezentat kontestwalment ma' dan l-att, u interessi kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni."**

**Ra l-verbal tas-26 ta' Gunju 2002 imnejn jirrizulta li l-partijiet talbu lit-Tribunal biex jaghti sentenza ai termini tal-iskrittura Dok. RF-1.**

**Ha konjizzjoni tal-kontenut tal-istess skrittura.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM 1, 133.97 inkluzi l-ispejjez gudizzjarji pagabbli kwantu ghal LM150 mhux iktar tard mid-29 ta' Gunju 2002 u r-rimanenti bilanc permezz ta' pagamenti mensili ta' minimu ta' LM150 pagabbli fil-15-il jum ta' kull xahar, b'dan illi l-ammont intier ghandu jithallas mhux iktar tard mill-31 ta' Ottubru 2002, u, fl-eventwalita' illi l-konvenut jonqos li jhallas xi pagament kif fuq indikat ghal zewg skadenzi mensili, jew kemm-il**

**darba l-ammont totali dovut ma jigix imhallas kollu sa mhux iktar tard mill-31 ta' Ottubru 2002, l-attur ikun jista' jesegwixxi din is-sentenza ghall-hlas tal-bilanc kollu allura dovut, bl-interessi legli fuq tali bilanc sad-data tal-hlas effettiv.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**